Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Ċivili Nru. 151/2014

**Montebello Enterprises Limited (appellata)**

**vs**

**Paolo Soldi u Nathalie Frendo (appellanti)**

18 ta' April 2017

**Il-Qorti**,

**Rat li:**

1. Permezz ta' Avviż ppreżentat fid-29 ta' April 2014[1] is-soċjetà attriċi appellata talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuti jħallsuha flimkien u solidament bejniethom is-somma ta' tlett elef, ħames mija u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€3,542.79c) rappreżentanti bilanċ tal-prezz dovut lis-soċjetà attriċi dwar il-bejgħ li sar minnha a favur tagħhom tal-Isuzu *freezer* truck bin-numru ta' reġistrazzjoni KBH-798.

2. Il-konvenuti wieġbu[2] li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma m'għandhom jagħtu xejn lill-attur u kwalsiasi ammont pretiż huwa preskritt a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll kull azzjoni kambjarja. Il-konvenuti wieġbu ukoll li l-attriċi kienet diġa ttentat toħroġ ittra uffiċjali kontrihom[3] fejn talbet dan il-bilanċ li ġie rifjutat minnhom[4].

3. Stante n-natura tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u ċioé dik tal-preskrizzjoni, l-Qorti ordnat l-inverżjoni tal-provi.

[1] Fol. 1
[2] Fol. 6
[3] Eżebita a fol. 13
[4] Fol. 15

4. Fl-udjenza tat-18 ta' Ġunju 2014 xehed in kontro-eżami Carmel Montebello, direttur tas-soċjetà attriċi.[5] Xehedet ukoll permezz tal-affidavit Joanne Farrugia Montebello,[6] *accounts clerk* mas-soċjetà attriċi. Hija spjegat li:

- fit-28 ta' Novembru 2005 il-konvenuti kienu xtraw mingħand il-kumpannija attriċi vettura mal-marka Isuzu Freezer Truck bin-numru tar-reġistrazzjoni KBH 798;
- din il-vettura xtrawha biex jużawha fin-negozju tagħhom tal-bejgħ tal-laħam;
- il-prezz tagħha kien ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) illum €18,634.98;
- il-konvenuti ħallsu elfejn lira Maltin (Lm2,000) bħala depożitu akkont tal-prezz u għall-bilanċ li kien għad fadallu jitħallas laħqu ftehim li bih kellhom iħallsu l-bilanċ f'pagamenti ta' Lm193.05c (ekwivalenti għal €449.68) pagabbli kull xahar mid-9 ta' Jannar 2006 sakemm jinqata' l-bilanċ kollu;
- għalkemm għall-ewwel sena huma ħallsu regolarment skont il-ftehim, wara bdew il-problemi;
- l-aħħar pagament fl-ammont ta' €200 għamluh fil-21 ta' Diċembru 2011;
- illum il-ġurnata fadal bilanċ ta' tlett elef, ħames mija tnejn u erbgħin Ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,542.79ċ) bilanċ fuq il-bejgħ tat-truck fuq imsemmi, b'żieda mal-imgħaxxijiet li għaddew fuq il-bilanċ dovut minnhom u xi *charges* oħra.

5. Ġew eżebiti ukoll diversi dokumenti fosthom ftehim bil-miktub bejn il-partijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-bejgħ tal-imsemmi Isuzu Freezer Truck kif ukoll rendikont tal-pagamenti kollha effetwati kif ukoll tal-bilanċ dovut.[7]

6. Fis-6 ta Mejju 2015 reġa' xehed Carmel Montebello in kontro-eżami.[8] Huwa spjega li l-Isuzu Freezer Truck KBA-798 kienet it-tielet negozju mal-konvenuti. Fit-22 ta' Marzu 2006 Nathalie Frendo kienet xtrat mingħand is-soċjetà attriċi vettura Toyota RAV4 bin-numru tar-reġistrazzjoni VSB1400[9] filwaqt li l-konvenuti bejniethom akkwistaw ukoll vettura Toyota MRS bin-numru NAT-115 fit-28 ta' Novembru 2005 mingħand is-soċjetà attriċi[10]. Il-pagamenti għall-dawn il-vetturi kien isir b'mod separat. Għal dak li jirrigwarda ż-żewġ

[5] Fol. 19.
[6] Fol. 24 et. seq.
[7] Fol. 28 – 33.
[8] Fol. 40 et. seq.
[9] Fol. 70 – 83.
[10] Fol. 58 – 60.

vetturi l-oħra mibjugħa lill-konvenuti, ċioé it-Toyota RAV4 u it-Toyota MRS, is-soċjetà attriċi m'għandha l-ebda pretensjoni attwalment. L-*istatements* tal-kontijiet relattivi għall-kull vettura ġew ukoll eżebiti minnu fl-istess udjenza.[11] Ġew eżebiti ukoll kopja ta' kontro-mandat ta' sekwestru[12] u dokumenti oħra li intalbu lix-xhud. Ix-xhud stqarr li s-soċjetà rikorrenti kellha rikjesta għall-tlett vannijiet tal-istess natura tal-Isuzu u għalhekk kien ċempel lil konvenut Solidi sabiex jara kienx interessat jagħtihom l-Isuzu *Freezer Truck* lura sabiex jinbiegħ lil terzi. Għalkemm il-konvenut Soldi wera interess, skont ix-xhud irriżulta li Soldi kien irreġistra l-Isuzu fuq kumpannija l-Panama u sussegwentement irriżulta li dan il-*freezer truck* kien ġie maqbud minn kumpannija oħra debitriċi tal-kumpannija ta' Soldi. Carmel Montebello stqarr li llum il-ġurnata l-Isuzu *freezer truck* jinsab f'idejn konsenjatarju u m'għandhux interess fih għaliex huwa żarmat.

7. Fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2015 xehedet Joanne Farrugia Montebello in kontro-eżami. Fuq domanda tal-Qorti reġgħet xehedet fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2015 u ċċarat li fuq il-dokument a fol. 28 hemm indikat li l-valur oriġinali tal-Isuzu Freezer Truck KBH 798 huwa ta' sitt elef għaliex is-somma elfejn lira Maltin (Lm2,000) kienet tħallset akkont tal-prezz ta' tmint elef liri Maltin (Lm8,000). Għal din ir-raġuni l-kuntratt sar fuq il-bilanċ rimanenti ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000) li jirrifletti l-ammont fuq *hire purchase*. Spjegat li l-ammont ta' €3542.79 mitlub permezz tal-proċeduri preżenti jirrappreżenta biss s-sorte li għadu dovut fuq il-bejgħ tal-vettura Isuzu. L-ittra uffiċjali kienet ħarġet fl-ammont ta' €9,749.65 peress li din is-somma kienet tinkludi ukoll l-interessi. Effettivament qegħdin jintalbu ukoll l-imgħax u l-ispejjeż f'din il-kawża.

8. Fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2015 il-konvenuti ddikjaraw li ser jippreżentaw nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri fejn ser jindikaw l-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Effettivament nota f'dan is-sens ġiet eżebita l-għada 9 ta' Lulju 2015.

9. Permezz ta' **deċiżjoni in parte datata 25 ta' Novembru 2015**, wara li l-Qorti rat l-atti u semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2015, **ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni** a tenur tal-artikolu 2148(b) u 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta sollevati mill-konvenuti u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

[11] Fol. 47 et. seq.
[12] Fol. 85 et. seq.

10. Sussegwentement il-partijiet iddikjaraw li l-provi miġbura ai fini tal-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni japplikaw *mutatis mutandi* għall-mertu tal-kawża u m'għandhomx aktar provi xi jressqu u l-Qorti tista' tgħaddi għas-sentenza.

11. Permezz ta' **sentenza finali datata 8 ta' Frar 2016** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet ulterjuri stante li diġa' ppronunzjat ruħha, **laqgħat it-talba attriċi** b'dan illi kkundannat lill-konvenuti sabiex in solidum iħallsu s-somma pretiża mis-soċjetà attriċi fir-rikors promutur u ċioé is-somma ta' tlett elef, ħames mija u tnejn u erbgħin ewro u disgħa u sebgħin ċenteżmu (€3,542.79), bl-ispejjeż inkluż dawk tas-sentenza preliminari a karigu tal-konvenuti in solidum u bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali numru 2455/2013 lill-konvenuti.

12. Il-konvenuti appellaw mis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fil-25 ta' Novembru 2015 u fit-8 ta' Frar 2016 fl-ismijiet premessi u talbu li l-imsemmija sentenzi jiġu mħassra u minflok din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom. L-aggravju huwa fis-sens illi ladarba huma kienu ffirmaw numru ta' kambjali, għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammont pretiż f'kull kambjala kellu jitqies separatament u indipendentement minn xulxin u mhux jitqies bħala dejn jew ammont dovut wieħed kif għamlet l-Ewwel Qorti għaliex kull kambjala b'mod separat ikkreat dejn separat u distint. Inoltré l-konvenuti jkomplu l-aggravju tagħhom billi jostnu li jekk wieħed kellu jikkunsidra d-dejn bħala wieħed, il-pretensjonijiet attriċi hija xorta waħda preskritta a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-liġijiet ta' Malta. Il-konvenuti ħassewhom ukoll aggravati bl-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti lill-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu skonthom l-oneru tal-prova meta jiġi invokat il-ġurament deċiżorju jinkombi fuq l-attur u mhux fuq il-konvenut kif deċiż mill-Qorti tal-Prim' Istanza.

13. Il-kumpannija attriċi, filwaqt li rrispondiet għall-appell tal-konvenuti fis-7 ta' Marzu 2016 fis-sens illi għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontrihom, ipprevaliet ruħha mill-jedd mogħti bl-artikolu 240 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u ppreżentat appell inċidentali '*mis-sentenza finali tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-28 ta' Frar 2016 fl-ismijiet premessi dwar dik il-parti fejn ġie deċiż li l-imgħax favur is-soċjetà rikorrenti fuq is-somma likwidata a favur tagħha kellu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali 2455/2013.*' Skont is-soċjetà attriċi l-imgħax favur tagħha kellu jiddekorri skont il-*hire purchase agreement* iffirmat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Novembru 2005.

**Ikkunsidrat:**

**<u>L-appell tal-konvenuti</u>.**

14. L-ewwel parti tal-aggravju tal-konvenuti huwa fis-sens illi ladarba ffirmaw numru ta' kambjali, għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammont pretiż f'kull kambjala kellu jitqies separatament u indipendentement minn xulxin u mhux jitqies bħala dejn jew ammont dovut wieħed kif għamlet l-Ewwel Qorti għaliex kull kambjala b'mod separat ikkreat dejn separat u distint. Inoltré l-konvenuti jkomplu l-aggravju tagħhom billi jsostnu li jekk wieħed kellu jikkunsidra d-dejn bħala wieħed, il-pretensjoni attriċi hija xorta waħda preskritta a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-liġijiet ta' Malta. Il-konvenuti ħassewhom ukoll aggravati bl-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti lill-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu skonthom l-oneru tal-prova meta jiġi invokat il-ġurament deċiżorju jinkombi fuq l-attur u mhux fuq il-konvenut kif deċiż mill-Qorti tal-Prim' Istanza.

15. Mill-provi rriżulta li n-negozju kien ta' *hire-purchase* ta' Isuzu Freezer Truck (ara skrittura a fol. 30). Fil-fatt fi klawżola 3 tal-kuntratt jingħad:

> *"3. It is agreed that the motor-vehicle being sold on Hire-Purchase is to be registered under Police Regulation 25 and is to remain the sole property of the Seller until it is fully paid".*

16. Il-ġurisprudenza tgħallem li n-natura intrinsika ta' *hire purchase agreement* fiħ żewġ stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oġġett jittrasferixxi lill-kerrej l-użu u l-pussess ta' l-oġġett għall-kirja speċifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oġġett ma tgħaddix għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oġġett u l-proprjeta` tiegħu ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat.

17. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo Cremona noe vs Salvatore Farrugia*** deċiża mill-Prim' Awla fl-24 ta' Ottubru 1964 fejn ingħad illi:

> *'Li in relazzjoni għall-preskrizzjoni eċċepita mill-konvenut għandu mill-ewwel jiġi rilevat li l-bejgħ in kwistjoni sar bil-"hire purchase system", u għalhekk huwa subordinat għall-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz, u sakemm jitħallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjetà tal-oġġett hekk mibjugħa tibqa' għand il-venditur.'*
>
> *'Li, irriżulta mill-provi li l-konvenut għadu ma ħallasx ir-rati kollha u għalhekk, billi l-proprjetà tal-washing machine għada riservata favur l-attur, il-konvenut*

*ma jistax jippreskrivi favur tiegħu nnifsu, għaliex mhux qiegħed iżomm il-ħaġa bħala tiegħu ... liema oġġett isir tal-konvenut malli tivverifika ruħha l-kondizzjoni tal-pagament tal-prezz kollu kif ġie stipulat... Dan għaliex f'venditi bħal dawna, mhux legalment konċepibbli jsir propjetarju assolut tal-oġġett minnu mixtri, meta konsegwiment tal-proprjetà jiddependi mill-adempjiment tal-kondizzjoni tal-pagament totali tal-prezz, meta ċioé, il-klawsola kontrattwali tar-riservo domino fil-venditur tirrisolvi ruħha favur il-kompratur bħala effett tal-avveniment tal-kondizzjoni tal-ħlas totali tal-prezz miftiehem. Il-Qorti tasal għalhekk għall-konklużjoni, li f'din ix-xorta ta' bejgħ ma jistax jivverifika ruħu każ ta' preskrizzjoni, għaliex il-kompratur jew għadu ma jkunx ħallas u allura ma jistax jeċċepiha għar-raġunijiet fuq esposti, jew ikun ħallas l-intier, u allura mhux il-każ li tiġi eċċepita għaliex ma jkunx hemm dejn.'*

18. Illi fl-istess deċiżjoni jingħad ukoll li:

> *'Anke jekk per ipotesi, il-konvenut huwa ammess jagħti eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, dik eċċepita minnu in bażi għall-art. 2253*[13] *tal-Kodiċi Ċivili ma treġix, għaliex, trattandosi ta' kreditu naxxenti minn skrittura, il-preskrizzjoni hija ta' ħames snin (art 2261(f) tal-Kodiċi Ċiv.). Anké f'din l-ipotesi, il-preskrizzjoni mhiex sostenibbli, billi jirriżulta li l-konvenut ħallas l-aħħar akkont fis-17 ta' Frar 1961, u l-ittra uffiċjali u ċ-ċitazzjoni saru fit-termini utili mill-aħħar att ta' rikonjizzjoni tad-debitu magħmul mill-konvenut bl-imsemmi pagament akkont'.*

19. Illi jekk wieħed jimxi ma' din il-linja ġurisprudenzjali, isegwi li *a priori,* li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti ma jreġu fiċ-ċirkostanzi odjerni.

20. Il-konvenuti appellanti jsostnu li ladarba huma kienu ffirmaw numru ta' kambjali, għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ammont pretiż f'kull kambjala kellu jitqies separatament u indipendentement minn xulxin u mhux jitqies bħala dejn jew ammont dovut wieħed kif għamlet l-Ewwel Qorti għaliex kull kambjala b'mod separat ikkreat dejn separat u distint.

21. Għal kull buon fini qiegħed jiġi riprodott l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 jipprovdi kif ġej:

> *'2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
> *...*

[13] Artikolu ġdid hu 2148.

*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku; ...'*

22. Il-qorti tosserva li:-

a. Mill-att promutur ma jirriżulta li l-azzjoni li pproponiet l-attriċi hi l-*actio cambiaria*. Fil-fatt fih ma saret l-ebda riferenza għal kambjali. Hu l-attur li jiddeċiedi t-tip ta' kawża li jkun irid jipproponi.
b. Il-preskrizzjoni tal-*actio cambiaria* hi regolata minn disposizzjoni fil-Kodiċi tal-Kummerċ u mhux l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

23. Kif tajjeb qalet l-Ewwel Qorti, l-aħħar pagament akkont li kienu għamlu l-konvenuti kien **fil-21 ta' Diċembru 2011** u:

a. Fl-14 ta' Mejju 2013 l-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali li fis-26 ta' Ottubru, 2013 kienet notifikata lill-konvenuti; u
b. Fid-29 ta' April 2014 l-attriċi ppreżentat il-kawża.

Għalhekk, f'kull każ, żgur entro it-terminu ta' ħames snin.

24. Illi madankollu l-konvenuti jostnu li jekk wieħed kellu jikkunsidra d-dejn bħala wieħed, il-pretensjonijiet attriċi hi xorta waħda preskritta a tenur tal-artikolu 2148(b) tal-liġijiet ta' Malta.

25. Illi l-artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem fuq azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut li jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar.

26. F'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti qalet:

*'jidher ċar li l-karozza li s-soċjetà attriċi qegħda titlob ħlas tal-bilanċ ta' prezzha nxtrat bin-nifs, tant li sar qbil li l-konvenuti kellhom jħallsu il-prezz f'rati kull xahar. Xiri ta' ħaġa bin-nifs u li tiddependi minn trasferiment tal-proprjetà biss meta jitħallas il-prezz miftiehem ma jgħoddx għaliha ż-żmien preskrittiv imsemmi fl-eċċezzjoni taħt eżami u dan aktar u aktar meta fl-okkażjoni tal-imsemmi negozju tkun saret kitba biex tixhed il-ftehim. ... fit-tieni lok ma jidhirx li huwa l-każ li l-bejgħ mertu ta' din il-kawża jista' jitqies bħala bejgħ bl-imnut'.*

27. Illi dan isegwi dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet ***Ronnie Barbara vs Andrew Schembri*** deċiża fil-5 ta' Ottubru 2010:

*'l-eċċezzjoni m'hijiex mistħoqqa. Fl-ewwel lok, jidher ċar li l-karozza li l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-bilanċ ta' prezzha nxtrat bin-nifs, tant li sar qbil li l-imħarrek kellu jħallas il-prezz f'rati kull xahar. Mhux hekk biss, iżda kif wieħed jistenna f'għamla ta' xiri bħal dan, l-attur espressament irriżerva li jieħu lura l-karozza jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos milli jħallas regolarment ir-rati miftehma. Xiri ta' ħaġa bin-nifs u li tiddependi mit-trasferiment tal-proprjeta' biss meta jitħallas il-prezz miftiehem ma jgħoddx għaliha ż-żmien preskrittiv imsemmi fl-eċċezzjoni taħt eżami, u dan aktar u aktar meta fl-okkażjoni tal-imsemmi negozju tkun saret kitba biex tixhed il-ftehim. L-eżistenza ta' dik il-kitba tnissel, jekk xejn, żmien preskrittiv ieħor minn dak li jgħodd għalih l-artikolu li fuqu l-imħarrek isejjes din l-eċċezzjoni".*

28. Isegwi li dan l-aggravju m'huwiex mistħoqq u qiegħed jiġi respint.

29. Il-konvenuti ħassewhom ukoll aggravati bl-interpretazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti lill-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta in kwantu skonthom l-oneru tal-prova meta jiġi invokat il-ġurament deċiżorju jinkombi fuq l-attur u mhux fuq il-konvenut kif deċiż mill-Qorti tal-Prim' Istanza. L-ewwel qorti qalet li:

*"(....) l-konvenuti ma ħadu ebda ġurament fejn stqarrew li mhux debituri jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa. Jingħad ukoll li anzi l-istess atturi aċċettaw l-istat ta' fatt għalkemm imputaw kollox lill-konvenuti li ma ħadu ebda ġurament kif imsemmi fl-artikolu 2160. Dan iwassal għal fatt li l-Artikoli 2156(f) tal-Kapitolu 16 m'għandhomx ikollhom effett fil-każ preżenti u konsegwentement dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet qed jiġu miċħuda u l-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawża".*

Irrispettivament jekk din il-qorti taqbilx ma' din l-affermazzjoni, dan l-aggravju mhu tal-ebda rilevanza ladarba din il-qorti qegħda tikkonkludi li l-artikolu 2148(b) ma japplikax għall-każ in eżami, u fir-rigward tal-artikolu 2156(f) ma ddekorriex iż-żmien preskrittiv.

30. Illi għalkemm il-konvenuti appellanti talbu lil din l-Qorti tħassar ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-8 ta' Frar 2016 fl-ismijiet premessi fl-ebda parti mill-aggravju tagħha ma ġie attakat speċifikament dak deċiż fil-mertu mill-Qorti tal-Maġistrati, dan ovvjament għamluh minħabba li jekk intlaqgħu l-aggravji fuq imsemmija, is-sentenza tat-8 ta' Frar, 2016 kien ikollha titħassar ukoll.

**L-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi.**

31. Illi permezz ta' appell inċidentali, is-soċjetà appellata tilmenta minn dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż illi l-imgħax favur is-soċjetà rikorrenti fuq is-somma likwidata a favur tagħha kellu jibda jiddekorri mid-data tal-ittra uffiċjali numru 2455/2013 in kwantu skont il-*hire purchase agreement* iffirmat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Novembru 2005, kien ġie maqbul u mitfiehem illi l-kapital kellu jiġi rifuż lura b'żieda mal-imgħax, liema imgħax ġie pattwit li kellu jiddekorri mill-ewwel u mhux f'każ ta' morożita fil-pagamenti.

32. Illi l-konvenuti irrispondew għal dan l-aggravju billi qalu li ladarba s-somma reklamata hi preskritta, l-ebda imgħaxijiet m'huma dovuti. Bla ħsara għal dan, huma jikkontendu li l-Qorti kienet kkorretta meta kkunsidrat li l-imgħaxijiet m'għandhomx jiddekorru mid-data indikata fuq il-*hire purchase agreement* u dan għaliex fil-fehma tagħhom l-imgħaxijiet setgħu biss jiddekorru mid-data li fiha l-esponenti ssejħu sabiex huma jħallsu l-ammont reklamat mis-soċjetà intimata u qabel dik id-data ma jistgħux jiġu kkunsidrati in *mala fede*. Madanakollu, fil-paragrafu sussegwenti tar-risposta tagħhom jgħidu li l-imgħaxijiet kellhom jiddekorru mid-data tas-sentenza u mhux mid-data tal-ittra uffiċjali kif deċiż mill-Qorti tal-Prim' Istanza. Oltre dan, jisħqu li t-talba għal imgħax hi vaga.

33. Illi sorvolata l-kwistjoni dwar il-preskrizzjoni kif deċiż aktar 'l fuq, l-Qorti se tgħaddi għall kunsiderazzjonijiet tagħha fuq dan l-aggravju.

34. Il-qorti tibda biex tosserva li ma taqbilx li t-talba għall-imgħax hi vaga. L-attriċi talbet li l-imgħax jiddekorri skont il-liġi. Mill-ftehim tal-*hire purchase* a fol. 30 tal-proċess jirriżulta illi l-partijiet obbligaw ruħhom li, '*during the period in which the balance on hire-purchase is being paid, and until the whole payment is effected, this said balance together with the interest calculated thereon, on the reducing rate of 8.45% p.a. plus administration charges on the Isuzu Freezer Truck bearing Chassis Number / Registration number: NKR66L-7402473 / KBH-798 which forms the object of this sale, should be regarded as remaining the property of Montebello Enterprises Ltd'.*

35. Ġialadarba sar ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti, isegwi li l-partijiet huma marbuta bih. Madanakollu, l-imgħax ma jistax jaqbeż it-tmienja fil-mija fis-sena u kull imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk għandu jiġi mnaqqas sal-limiti hawn fuq imsemmija a tenur tal-artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili. Għalhekk fuq is-somma kapitali ta' €3,542.79 għandu jiddekorri l-imgħax ta' 8% fis-sena bil-mod pattwit fl-iskrittura tat-28 ta' Novembru 2005, u ċjoe' mid-data tal-ftehim.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tiċħad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjeż kontrihom.**
2. **Sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell tal-inċidentali ta' Montebello Enterprises Limited u tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-8 ta' Frar 2016 fis-sens li l-imgħax għandu jiddekorri bil-mod spjegat f'paragrafu ħamsa u tletin (35) ta' din is-sentenza bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%). Spejjeż tal-appell inċidentali a karigu tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.